**Ħajr Bernadette**

Niftakrek tiġi kull nhar ta' Ħadd filgħodu
Filwaqt li kont inkun nitlob fil-kappella,
Għadni nisimgħek titlobni b'ħafna ħlewwa
Biex inqarbnek ħa tkompli timxi fis-sewwa.

U l-ġentilezza tiegħek ta' bla limiti
Kienet għalija l-isbaħ u l-aqwa rigal,
Minn jeddek u l-għaliex ħadd ma kien iqabbdek
Kont tħallili xi ħaġa tajba minn qalbek.

Oh kemm kont tferraħli jiemi ta' tant ħidma
Bit-tbissima w bil-ġenerozità tiegħek,
Urejtni kemm l-imħabba li jsemmi kulħadd
Tibqa' tixghel u ddawwal ħalli ma tmut qatt.

Hekk int tgħix għal dejjem f'qalb dak li int ħabbejt
Li lilu kont trid tircievi b'ħafna fidi,
Ħabbejtu bhall-viżjunarji ta' La Salette
Strieħ issa f'ħdan Kristu, ħajr lilek Bernadette.

Patri Mario Attard OFM Cap
25 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.